# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2343

Każ Nru 3195/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Stephanie Micallef

u

Media Games Malta (EU) Limited

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 14 ta' Jannar 2015

**Chairman: Franco Masini**

### 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul fl-24 ta' Jannar 2014 mill-Avv. Abigail Critien f'isem Stephanie Micallef fejn din allegat li kienet ġiet illegalment liċenzjata mill-impjieg tagħha mas-Soċjetà Media Games Malta (EU) Ltd fil-11 ta' Novembru 2013. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Ray Busuttil u Pierre Vella, assistiti mill-Avv Geoffrey Vella ċaħdet dan. Inżammu seba' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti kif ukoll differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

### 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrenti tgħid illi wara li kellmet lid-Diretturi tagħha fuq xi *leave* li kellha bżonn għal Diċembru f'daqqa waħda irċeviet ittra ta' tkeċċija mimlija allegazzjonijiet li hi tiċħad oltre il-fatt li qatt ma rċiviet xi twissija. Is-Soċjetà Intimata tgħid li fil-perijodu 4 sas-7 ta' Novembru 2013 ir-Rikorrenti ikkommettiet numru ta' infrazzjonijiet fosthom li injorat il-klijenti, tipjip fl-istabbiliment, użu tat-telefon waqt li l-klijenti kienu preżenti, nuqqas ta'servizz lill-klijenti, tippermetti lill-*partner* tagħha li jiekol fl-istabbiliment u tindikalu wkoll joqgħod fejn ma jistax jintlaħaq mill-*cameras* tas-CCTV u raġunijiet oħra. Dawn ġew sostanzjati minn ritratti meħuda mis-CCTV installata fl-istabbiliment.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Kuntrarjament għal każi oħra dan il-każ huwa dokumentat estensivament b'ritratti meħudin minn CCTV li kienu jkopru għal 24 siegħa l-istabbiliment fejn kienet taħdem u fejn allegatament ikkommettiet infrazzjonijiet. F'każi normali l-infrazzjonijiet setgħu forsi jiġu deskritti bħala trivjali. Iżda fil-każ odjern hemm fin-nofs il-posizzjoni delikata ta' stabbiliment tal-logħob li huwa kontrollat b'mod strett mir-regolatur u soggett għal azzjonijiet minnu. Irid jingħad illi minħabba x'uħud mill-infrazzjonijiet tar-Rikorrenti kien hemm periklu li l-integrità istituzzjonali tas-Soċjetà Intimata, setgħet tkun imminata minħabba azzjonijiet li sata' jieħu ir-regolatur kontriha. Għaldaqstant dawn l-infrazzjonijiet kellhom dimensjoni differenti. Ir-Rikorrenti tgħid li ma ingħatax twissijiet diretti u hawn jidher li kellha raġun. Iżda jirriżulta li il-maġġor parti tal-infrazzjonijiet ġraw fi żmien ta' tliet ġranet ftit qabel il-liċenzjament (kif jidher fl-ittra ta' tkeċċija ntavolata mar-Rikors promotorju). Dana jfisser li kienet ittieħdet tempestivament id-deċiżjoni li r-Rikorrenti tiġi liċenzjata u għalhekk ma kienx hemm lok għal twissijiet. It-Tribunal huwa konvint li r-Rikorrenti timmerita s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament ta' Stephanie Micallef minn mas-Soċjetà Media Games Malta (EU) Ltd kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

## 5. Drittijiet

Al tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja